# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tas-26 ta' Settembru 2023**

**Talba nru. 321/2019**

**ANDREW VASSALLO GENERAL TRADING LIMITED**
**(C-45790)**

***VERSUS***

**DAVID LEWIS ZAMMIT DIMECH**
**(ID 162883M)**

B'Avviz tat-Talba ipprezentata fil-21 ta' Ottubru 2019 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenut sabiex jigu kkundanat ihallas s-somma ta' elf disgha mija tmienja u tmenin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (Eur 1,988.21) liema somma hija dovuta bhala prezz ta' xogholijiet ta' decking u tarag kif indikat fl-istatement. Illi minkejja illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas huwa baqa inadampjenti. Is-socjeta attrici talbet ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet.

Il-Konvenut David Lewis Zammit Dimech gie notifikat permezz ta' l-affissjoni fil-25 ta' Gunju 2020 kif jidher a fol 16 u bil-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u sussegwentament ressaq risposta fit-2 ta' Lulju 2020 fejn eccepixxa hekk:-

Illi t-talba hija preskritta a tenur ta' l-artikoli 2148(a) u jew 2149(a) tal-Kodici Civili.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, t-talba attrici hija infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, billi l-attrici abbandunat ix-xoghol li kellha taghmel, u parti minn dak ix-xoghol li lahqet ghamlet ma sarx kif miftiehem u kellu jinbidel.

Ra l-affidavit tal-konvenut David Lewis Zammit Dimech flimkien mad-dokumenti esebiti minnu;

Ra l-affidavit ta' Maria Vassallo;

Sema' l-kontro-eżami ta' David Lewis Zammit Dimech;

Sema x-xhieda ta' Andrew Vassallo;

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Provi**

Illi qabel jghaddi ghall-kunsiderazzjoni tieghu, t-Tribunal sejjer jghaddi sabiex jaghmel sintezi tal-provi saljenti migbura:-

Illi fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut il-provi gew invertiti u ghaldaqstant fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2020 l-konvenut ipprezenta l-affidavit tieghu. Il-konvenut jghid illi huwa kien akkwista hot tub u kellu bzonn struttura konsistenti minn tarag u wicc maghmula minn decking u metal biex idawwar il-hot tub.

Il-konvenut talab stima lis-socjeta attrici, liema stima giet accettata minnu u sahansitra hallas l-ammont ta' elfejn Ewro akkont tas-somma finali. Huwa jkompli jghid illi s-socjeta attrici bdiet ix-xoghol in kwistjoni pero qatt ma lestietu kompletament. L-ahhar li s-socjeta attrici ghamlet xi xoghol fil-propjeta tal-konvenut kien madwar it-tielet gimgha tax-xahar ta' Mejju 2017. Il-konvenut kien irriffjuta li jhallas il-kont li intbaghat lilu fis-26 ta' Settembru 2017 ghaliex jemmen li m'ghandu jhallas xejn iktar lis-socjeta attrici.

Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2021, il-konvenut gie kontro-ezaminat. Il-konvenut jghid illi huwa jemmen li m'ghandu jhallas xejn iktar lis-socjeta attrici ghaliex dak ix-xoghol li sar mis-socjeta attrici "*kellu hafna difetti u kien inkomplut*". (Fol.48). Izid ukoll illi "*ghal dak kollu li ghamel hu jien hallast, m'ghandi intih xejn iktar.*"

Ix-xoghol kollu kellu jammonta ghal madwar erbat elef Ewro ghaliex fi kliem il-konvenut stess huwa hallas 50% meta ghadda l-elfejn Ewro lis-socjeta attrici qabel beda x-xoghol. Il-konvenut jghid illi fl-opinjoni tieghu l-elfejn Ewro imhallsa minnu jkopru x-xoghol kollu li sar.

Fit-2 ta' Gunju 2021 gie ezebit affidavit ta' Maria Vassallo flimkien ma numru ta' dokumenti inkluz ritratti u xehed ukoll Adrian Vassallo.

Maria Vassallo tghid illi hija direttrici ma' zewgha Andrew Vassallo fis-socjeta attrici. Tghid illi il-kwotazzjoni finali ghax-xogholijiet li kellhom isiru hija dik tat-22 t'April 2017 u li fuqha inghata depozitu. Is-socjeta attrici bdiet thejji ghax-xogholijiet qabel inghatat id-depozitu ghaliex dan

beda fil-25 t' April 2017. Ix-xhud tghid illi, "*Minhabba li madwar il-hotbath kellu jkun imdawwar bl-istainless steel u dak fih hafna xoghol u precizjoni biex jinhadem, sakemm jitlesta, u biex naqdu lill-klijent, dawwarnih bl-aluminium. Din ma kienetx inkluza fl-istima imma ghamilniha biex ma nhallux periklu. Ix-xoghol ta' stainless steel kellu jinhadem fil-workshop u minn team differenti li kien qed jahdem il-hotbath*."

Skond Maria Vassallo ix-xoghol tlesta fil-5 ta' Mejju 2017 bl-istainless steel b'kollox. Is-socjeta attrici harget invoice fl-1 ta' Lulju 2017 fl-ammont ta' Eur 3,988.21 li minnha l-konvenut kien hallas Eur 2000.00. Ix-xhud tghid illi x-xoghol kif miftiehem kien lest kollu u dak li l-konvenut qed jirreferi ghalih bhala xoghol mhux komplut huwa modifika li kien talab hu stess u li ma kellha x taqsam xejn mal-quotation li kienet inghatatlu. Dan ghaliex il-konvenut xtaq li jgholli t-tarag u dan ma setax isir fiz-zmien li riedu l-konvenut minhabba xogholijiet ohra. Dan ix-xoghol tal-modifika ma kienx sar.

Ix-xhud tghid illi dak mitlub minnom huwa biss ghal dak ikkwotat u eventwalment xoghol li sar. Ma hemmx inkluz ix-xogholijiet tal-modifika liema xoghol ma kienx sar. Fil-fatt a fol.57 tghid, "*Ahna ppretendejna, ghalhekk li nithallsu tax-xoghol kollu li ghamilna, naturalment nieqes il-modifika li talabna zejda. Din ma kinitx kompriza fl-invoice*." Ix-xhud esebit sett ta' ritratti li juru l-hot tub kwazi komplut u anke ritratti tal-hot tub lest minn kollox inkluz stainless steel.

Xehed Adrian Vassallo li qal illi xogholu huwa li jaqdi lin-nies li jidhlu fis-showroom, jaghti l-istima u jara li x-xoghol ikun sar. Ix-xhud ighid illi huwa l-aktar li ddiskuta mal-konvenut fuq x-xogholijiet. Huwa jghid illi x-xoghol ordnat u li fuqu inghatat l-istima kien kollu lest. Izda fl-ahhar, il-konvenut xtaq jaghmel modifika biex icaqlaq xi livelli tat-tarag.

Fl-14 t'Ottubru 2021 xehdet Maria Vassallo in kontro ezami illi regghet ikkonfermat illi wara erbat ijiem il-konvenut kien talab ghal xi modifiki fit-tarag u li s-socjeta attrici ma setghetx taghmel dawn ix-xogholijet mill-ewwel kif mitluba.

Fl-istess udjenza xehed Adrian Vassallo in kontro ezami, li rega tenna, illi "*li kien hemm stimat, ix-xoghol li kien hemm fl-istima x-xoghol kien kollu lest. Li ried ikun hemm ried ikun hemm modifika fuq ix-xoghol.*" Ix-xhud ikkonferma illi t-tarag li kienet ghamlet is-socjeta attrici "*kellu l-flushing ta' l-istainless steel*" biex isir il-qlib ta' l-ilma. Jghid ukoll illi l-konvenut "*kien jaf minn dejjem li x-xoghol kien qieghed tajjeb hu. Issa jekk ried jghollih. . inkunu nistghu ngholluh it-tarag hu*." (Fol.98).

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2021 xehed il-konvenut li jghid illi dejjem tkellem ma' Adrian Vassallo fuq ix-xogholijiet. Jghid illi Adrian Vassallo kien fassal ix-xogholijiet u kien jibghatomlu u finalment kienu qablu fuq ix-xogholijiet u thallas depozitu. Il-konvenut ighid a fol.114 illi t-tarf ta' l-istainless steel kien jaqta u "*essenzjalment ma tmenin fil-mija (80%) tal-perimetru tal-hot tub baqa jaqta ghax kien hemm ix-xifer jaqta*." Fix-xhieda tieghu l-konvenut ikompli ighid hekk:- "

*Huma l-affarijiet illi kellu jikkonsenja fis-sens l-istainless steel materjalment hemmhekk kien fuq il-post. It-tarag hemmhekk kien ukoll. Ul-padauk hemmhekk kien, hemmhekk. Pero kollha kemm huma kellhom id-difetti taghhom*."

Jghid illi principarjament, l-stainless steel baqa jaqta u t-tarag ma kienx invellat. Il-konvenut ighid illi jekk tnehhi z-zewg strippi ta' l-injam illi tpoggew taht it-tarag, dan kien ser jigi baxx. (Fol.115).

Il-konvenut jispjega illi minkejja illi fil-messaggi skambjati ma' Adrian Vassallo huwa jsemmi l-kelma "modifika" li ried ifisser huwa li jirranga x-xoghol originali kif ippjanat – "*pero modifika fuq ix-xoghol li kien qed jikkonsenja halli jigi f'linja ma' dak li konna ippjanajna originarjament. Dik fissret.*"

Meta Adrian Vassallo kien wiegeb lill-konvenut illi ma setax imur jirranga dak li talbu l-konvenut minhabba li kien impenjat b'xoghol iehor, il-konvenut kien qata l-kuntatt minn mas-socjeta attrici. Sabiex ma jhalliex l-affarijiet kif inhuma il-konvenut ighid illi "*jien ovvjament ma stajtx inhallih hekk ghax dak kien inqas minn nofs xoghol u kelli inqabbad lil haddiehor biex jigi u jaghmel il-modifiki fuq ix-xoghol illi konna ftehmna fuqu*."

Il-konvenut ighid illi kien qabbad lil Cortis Woodworks li kienu biddlu x-xifer ta' stainless steel u t-tarag gie invellat. Dan ghal habta ta' Gunju jigifieri ftit taz-zmien wara li qataw il-kuntatt minn mas-socjeta attrici.

Fil-kontro ezami l-konvenut ighid illi huwa kellu jbiddel l-email tieghu u kwalunkwe email li kienet tintbaghat fuq dak l-indirizz ma kienetx tasal ghand il-konvenut awtomatikament. Il-konvenut ighid illi ghal habta ta' Settembru 2017 kien ircieva statement bil-bilanc li kien ghad irid jithallas.

Mill-kontro ezami il-konvenut ighid illi biddel l-istainless steel ghal injam. Jghid illi l-problema ta' l-istainless steel ma kienetx kullimkien izda kien hemm partijiet fejn anke kien hemm gap ta' madwar 25 centimetru. Fir-rigward ta' l-istrippi ta' l-injam li tpoggew taht it-tarag, il-konvenut ighid illi huwa kien ra lill-haddiema tas-socjeta attrici gejjin b'dawn l-injam u dan sabiex jigi invellat it-tarag. Il-konvenut ma jiftakarx f'liema zmien ezatt tpogga dan l-injam. Ix-xhud ighid li meta Andrew Vassallo kien wiegbu f'Mejju 2017 li kien jinsab imsallab u ma setax jaqdih malajr, il-konvenut kien iddecieda illi ma jkellmux iktar.

Fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2022 kompla jixhed in kontro ezami l-konvenut li esebixxa l-ittra li kien baghat f'Settembru 2019 fejn kien informal is-socjeta attrici illi huwa kien qabbad lil terzi biex jaghmlu xogholijiet rimedjali u li ma kienx ser ihallas il-bilanc minhabba illi x-xogholijet ma kienux kompluti.

Il-konvenut ighid li ma jiftakarx x'hallas lil Cortis Woodworks talli ghamlulu il-burdura bl-injam minflok stainless steel u irrangawlu t-tarag. Kopja jew xi ircevuta ta' x hallas ghal dan ix-xoghol il-

konvenut baqa ma sabx. Ix-xhud ighid ukoll illi l-injam li tpogga kien madwar centimetru gholi u li dan ma kienx accettabbli ghalih ghaliex fil-quote kienet cara illi t-tarag kellu jigi fixed mal-jacuzzi mhux "*jitqieghed fejn il-jacuzzi*". Il-konvenut ighid illi biddel il-burdura bl-injam ghaliex Cortis Woodworks ma jahdmux fi stainless steel u kienu qalulu li jigi ahjar ix-xoghol kemm-il darba jsir ta' l-injam.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal irid primarjament jiddeciedi fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari imressqa mill-konvenut u cioe illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 2148(a) u/jew 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghidu hekk:-

L-Artikolu 2148 "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar: (a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu*."

L-Artikolu 2149 "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċoħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta'xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu*"

Illi jibda biex inghad illi mix-xhiedha prodotta mill-konvenut jidher car illi l-preskrizzjoni li tista tkun applikata ghal kaz in dezamina huwa dak taht l-Artikolu 2149 tal-Kap.16 stante illi s-socjeta attrici mhux biss forniet materjal izda anke tat il-haddiema taghha u l-mano d'opera sabiex jigi esegwit ix-xoghol.

Illi determinat liema artikolu tal-preskrizzjoni huwa applikabbli, dan it-Tribunal ser jghaddi jekk hemmx lok li tali talba tigi meqjusa bhala preskritta.

Illi l-artikolu 2149 irid jigi kunsidrat fid-dawl ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 2160(1) tal-Kap.16 li jghid hekk:-

"*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*".

Illi huwa car mix-xhieda ta' l-istess konvenut li jghid illi huwa hallas l-elfejn Ewro bhala depozitu u li wara li kien sar ix-xoghol huwa kien ta' l-opinjoni illi dak il-hlas kien bizzejjed u ma kienx hemm ghalfejn ihallas iktar. Fil-fatt il-konvenut jghid illi x-xoghol kien fih hafna difetti u li ghal dak li kien sar huwa jhoss li hallas bizzejjed.

Illi dan it-Tribunal jissottolinea illi Il-Qrati taghna ilhom konsistentement iqisu illi l-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk id-debitur, billi jassumi certu linja ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-presupposti tal-istitut tal-preskrizzjoni. Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza ta' l-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, izda tas-semplici kontestazzjoni ta' l-ammont jew ahjar kif jinghad f'din il-kawza illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza "Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services" Limited, deciza fit-28 ta' April 2004 mill-Qorti talAppell, Sede Inferjuri fejn intqal illi:-

"*Fis-sistema legali lokali huwa rikonoxxut illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli biss mal-eccezzjoni tal-inezistenza totali tad-debitu. "… … … quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione"*.

Illi in linea ma' skorta shiha ta' gurisprudenza f'dan is-sens, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li x-xoghol mertu tal-kreditu pretiz ma sarx skont is-sengha jimplikaw rikonoxximent li hemm xi xejra ta' kreditu li huwa ezistenti, ghad mhux fl-ammont mitlub jew f'ammont ferm inferjuri minn dak reklamat. Illi ghaldaqstant din it-tip ta' eccezzjoni tirrendi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bhala nkompatibbli u irrikonciljabbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex timporta rikonoxximent tal-ezistenza ta' xi forma ta' kreditu.

Illi huwa pacifiku l-insenjament in materja illi l-konvenut huwa prekluz milli jeccepixxi l-preskrizzjoni meta jirrizulta li hu ma jkunx ghadu hallas il-prezz shih. F'dan ir-rigward, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha "Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373), fissret hekk:-

'*che il convenuto …. ha confessato di non aver pagato fitto …. e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli e' precluso dal poter eccepire la prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale e' prescrizione presuntiva di pagamento ed e' inconciliabile colla confessione di non aver pagato…*'. Id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma hallasx, m'hijiex kompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodici Civili li jipprezumu l-hlas.

Fis-sentenza "Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2005, intqal: "*Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan*" filwaqt illi fis-sentenza fl-ismijiet "Dr. Toni Abela nomine - vs - Maurice Vassallo", Appell, 19 ta' Mejju 2000, jinghad illi, "*li kieku l-konvenut xehed li m'ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jaghtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt*".

Illi **ghaldaqstant** dan it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Illi dan it-Tribunal ser jghaddi sabiex jevalwa jekk l-ammont mitlub mis-socjeta attrici hux dovut mill-konvenut.

Illi l-konvenut jilmenta miz-zewg affarijiet li saru min-naha tas-socjeta attrici u cioe:-

a) L-istruttura ta' l-injam li kienet ticcaqlaq
b) Il-bordura ta' l-stainless steel li kienet taqta

Ghar-rigwad ta' dawn iz-zewg lanjanzi, t-Tribunal jirrimarka illi l-istrutura kienet giet deciza u accetta mill-konvenut u dan wara diskussjonijiet ma' Adrian Vassallo. Il-konvenut jaghti l-impressjoni illi wara li kien ga inqeda b'mod spedjenti mis-socjeta attrici, l-istess kellhom ituh l-attenzjoni kollha ftit jiem wara li kien infurmahom li ried jirranga xi affarijiet. Fil-fatt fi kliemu stess jghid illi wara biss ftit jiem li s-socjeta attrici ma kienetx marret taqdih b'dawn it-tibdiliet li xtaq, huwa ddecieda li jaqta l-kuntatt minn maghhom.

Illi ma jidher minn imkien illi f'dawn il-granet illi l-konvenut ippretenda li s-socejta attrici tattendi ghal dak li xtaq hu, kienet tezisti l-problema, li fi kliem il-konvenut kienet kbira, tax-xifer tal-bordura maghmula minn stainless steel. Issa anke hawn, it-Tribunal ma jistax ma jaqbilx ma' l-abbli difensur tas-socjeta attrici meta dan jirrimarka illi l-konvenut, naqas milli jipproduci lil min fornilu l-materjal gdid tal-bordura sabiex jispjegaw ghalfejn biddlu l-materjal u x kienet l-ispiza biex dan inbidel. It-Tribunal f'dan ir-rigward huwa tal-fehma illi l-konvenut ma kienx sodisfatt li ma nqediex fiz-zmien li xtaq dwar tibdiliet li xtaq jaghmel u allura ha l-opportunita sabiex iqajjem lanjanzi sabiex jevita li jhallas il-bilanc ghal xoghol ordnat, maqbul u supplit.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jinsisti illi kien hemm bzonn ta' 'tibdil' illi fi kliemu jfisser li jigu rrangati certi difetti li kien hemm filwaqt illi s-socjeta attrici tghid illi dawn kienu bidliet li xtaq jaghmel l-konvenut oltre l-ordni li kienet giet supplita.

Illi l-Qrati taghna f'materja ta' appalt dejjem tefghet l-oneru fuq l-appaltatur li ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. (Pierre Darmanin v. Moira Agius et, Appell Civili Nru. 323/02). Dan ifisser illi l-appaltatur ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu. L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina.

Illi hija regola generali illi meta d-difetti huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol. Fis-sentenza "Francica vs Buhagiar", deċiża fit-28 ta' April 2004, ġie ritenut ukoll illi:-

*"… l-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu lobbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b'mod li l' quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol, dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-*

*appaltant opera sodisfacenti u spondet peritiam artis u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-komittent*".

Illi r-rimedji tal-komittent f'materja ta' appalt, huma varji kif stabbilit minn diversi gurisprudenza imsemmijha fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Lawrence Formosa et vs Silvio Felice", kienet diġa` riteniet is-segwenti in materja:-

*"… kif jidher mill-gurisprudenza in materja (ara "Mallia vs Fonk" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1975, kif ukoll "Bugeja vs Gauci" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1980, u "Mallia vs Magri" deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1981), il-Qrati taghna kellhom okkazzjoni jippronunzjaw ruhhom diversament dwar kwistjonijiet ta' din in-natura, u dana skond ic-cirkustanzi partikolari ta' kull kaz. Kif jidher mis-sentenzi fuq citati, il-Qorti taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas ta' prezz tal-appalt stabbilit "a misura" meta kien hemm difett parzjali mhux sostanzjali fix-xoghol, izda awtorizzaw lill-komittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra, fejn ix-xoghol gie ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohra, l-Qorti ordnat li titnaqqas, mis-somma li tigi mhallsa, s-somma stmata mil-perit bhala kumpens ghad-difett fix-xoghol*."

Illi Il-prinċipju fondamentali li jemerġi mill-insenjament in materja, fuq ċitat, huwa illi min iwettaq biċċa xogħol li għaliha jkun ġie inkarigat, għandu obbligu jagħti riżultat tajjeb u ta' vantaġġ għall-klijent u wieħed li huwa konformi mal-ħtiġijiet tal-istess klijent, b'dan illi jekk jonqos li jagħti dan ir-riżultat, huwa jkun responsabbli għad-danni.

Illi ghaldaqstant kemm-il darba l-konvenut f'din il-kawza huwa tal-fehma illi x-xoghol konsenjat u operat lilu ma kienx kollu skond is-sengha, allura jkun jispetta lill-istess konvenut illi bhala appaltant jirreklama in linea ta' danni, kumpens għad-difetti riskontrati, liema kumpens jista' wkoll jikkonsisti, skont il-każ, fl-ispejjeż li kellhom jintefqu biex jiġu msewwija d-difetti riskontrati jew biex dak ix-xogħol jerga' jsir utilment.

Illi propju meta l-konvenut jallega li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u jiddeciedi illi ma jhallasx il-bilanc dovut, dan jaghmlu b'mod arbitrarju u minghajr bazi ta' xi stima jew prova li turi kemm kellu jonfoq sabiex finalment ikollu dak li xtaq.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi galdarba l-konvenut allega li x-xoghol ma giex esegwit kif xtaq hu u wisq iktar skond is-sengha, wiehed kien jistenna li l-konvenut iressaq, de minimis, prova li turi d-danni li gew sofferti minnu.

Illi mill-provi li għandu quddiemu t-Tribunal ma jirriżultax li dan hu każ fejn il-prodott tax-xogħol ma pproduċa l-ebda vantaġġ siewi għall-klient, iżda ta' xogħol li ġie mwettaq skont kif pattwit, ċioe' skont ftehim milħuq preventivament bejn il-partijiet, xogħol li ma jirriżultax li ma kellu l-ebda utilita' għall-ħtiġiet tal-klient, kif jirriżulta mill-provi.

Illi l-fatt illi l-konvenut, wara biss ftit jiem minn meta twahhlu x-xogholijiet iddecieda li ma jikkomunikax iktar mas-socjeta attrici u ghazel appaltatur iehor ghall-burdura, li finalment inbidlet anke fin-natura taghha (saret ta' l-injam), ma tghinx fil-gustifikazzjonijiet tal-konvenut.

Illi propju għal dawn il-motivi kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-bilanc dovut lis-socjeta attrici ghandu jithallas minghajr l-ebda tnaqqis ta' ammonti rapprezentanti danni sofferti mill-konvenut.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf disgha mija tmienja u tmenin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (Eur 1,988.21), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-21 t'Ottubru 2019 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma a karigu tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur